*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 14,666, 31 ta' Ottubru, 1986*
*Taqsima C*

# Nru. 163

31. 10. 86

# MALTA

## KAMRA TAD-DEPUTATI

ABBOZZ ta' Liġi mressaq mill-Onorevoli Joseph Cassar, M.P., Deputat Prim Ministru Anzjan u Ministru tal-Ġustizzja u Affarijiet tal-Parlament u moqri għal-Ewwel darba fis-Seduta tad-29 ta' Ottubru, 1986.

**ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.**

P. Muscat Terribile
*Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

## HOUSE OF REPRESENTATIVES

A BILL introduced by the Honourable Joseph Cassar, M.P., Senior Deputy Prime Minister and Minister of Justice and Parliamentary Affairs and read the First time at the Sitting of the 29th October, 1986.

**AN ACT further to amend the Education Act, 1974.**

P. Muscat Terribile
*Acting Clerk to the House of Representatives*

# ABBOZZ TA' LIĠI

## msejjaħ

*ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej: —

**1.** Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1986 li jemenda l-Att dwar l-Edukazzjoni u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar l-Edukazzjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali". Titolu fil-qosor. Att XXXIX ta' l-1974

**2.** L-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 12 ta' l-Att prinċipali.

(a) is-subartikoli (2) u (5) tiegħu għandhom jitħassru; u

(b) fis-subartikolu (3) tiegħu il-kliem "jew tiġdid" għandhom jitħassru.

**3.** L-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda ta' l-artikolu 13 ta' l-Att prinċipali.

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu l-kliem "jew iġedded" u "jew imġedda" għandhom jitħassru; u

(b) fis-subartikolu (2) tiegħu l-kliem "u sadattant l-ispejjeż kollha li jistgħu jsiru jibqgħu għar-responsabbilità ta' dak is-sid u l-Gvern ikollu jedd li jdaħħal lura dawk l-ispejjeż" għandhom jitħassru.

**4.** L-emendi li qegħdin isiru b'dan l-Att ma jolqtux xi liċenza li tkun inħarġet qabel ma daħal fis-seħħ dan l-Att. Dispożizzjoni transitorja.

---

## Għanijiet u Raġunijiet

L-Għan ta' dan l-Abbozz huwa li jġib fis-seħħ il-Ftehim li ntlaħaq bejn il-Gvern tar-Repubblika ta' Malta u s-Santa Sede fil-31 ta' Lulju, 1986.

# A BILL

## entitled

*AN ACT further to amend the Education Act, 1974.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same, as follows: —

Short title.
Act XXXIX of 1974

**1.** This Act may be cited as the Education (Amendment) Act, 1986, and shall be read and construed as one with the Education Act, 1974, hereinafter referred to as "the principal Act".

Amendment of section 12 of the principal Act.

**2.** Section 12 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) subsections (2) and (5) thereof shall be deleted; and

(b) in subsection (3) thereof the words "or renewing" shall be deleted.

Amendment of section 13 of the principal Act.

**3.** Section 13 of the principal Act shall be amended as follows:

(a) in subsection (1) thereof the words "or renew" and "or renewed" shall be deleted; and

(b) in subsection (2) thereof the words "and in the meantime all expenses which may be incurred shall continue to remain the liability of such owner and the Government shall have a right to the reimbursement of such expenses" shall be deleted.

Transitory provision.

**4.** The amendments made by this Act shall not affect any licence issued before the coming into force of this Act.

---

## Objects and Reasons

The Object of this Bill is to put into effect the Agreement reached between the Government of the Republic of Malta and the Holy See on 31st July, 1986.

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni — Kastilja — *Published by the Department of Information — Kastilja*

Mitbugh fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*

**Prezz 2c — *Price 2c***